**17 ta' April, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Lazzaro Bondi pr. et ne.

*versus*

Charles Meli

**Assoċjazzjoni — Soċjetà — Rappreżentanza Ġudizzjali — Illeġittimità tal-Persuna — Mandat — Ditta — Art. 1797(2), u 1967(1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Jekk tnejn minn nies jagħmlu soċjetà kummerċjali bejniethom f'isem kollettiv, taħt il-kondizzjoni, fost oħrajn, li l-amministraturi u d-diretturi tas-soċjetà jkunu ż-żewġ soċi, u illi kull wieħed minnhom ikun jista' jobliga t-terzi mas-soċjetà u s-soċjetà mat-terzi, ikun hemm soċjetà regolari, li bħala tali għandha eżistenza u individwalità ġuridika u patrimonju distinti minn dawk tas-soċi li jikkomponuha, opponibbli anki lit-terzi.*

*Bil-patt li kull wieħed jobbliga t-terzi lejn is-soċjetà is-soċi jiġu li taw lil xulxin mandat reċiproku u ndipendenti; b'mod li kull wieħed minnhom għandu r-rappreżentanza sħieħa tas-soċjetà; u fil-libsa tiegħu ta' mandatarju, kull wieħed minnhom għandu l-poter li għall-eżekuzzjoni tal-mandat jaġixxi ġudizzjarjament kontra t-terzi. U ma tiswiex l-obbjezzjoni tat-terz konvenut li b'daqshekk is-soċju li jaġixxi jkun qiegħed jidher għas-soċju l-ieħor fil-waqt li dan jinsab f'dawn il-Gżejjer, għaliex l-attur ikun qiegħed jidher għas-soċjetà, li tikkostitwixxi entità ġuridika separata u ndipendenti mill-persuna tas-soċi.*

*Imma, mill-banda l-oħra, is-soċju li hekk jaġixxi biex jirreklama l-ħlas ta' kreditu dovut lis-soċjetà, ma jistgħax jaġixxi f'ismu proprju, imma biss f'isem is-soċjetà.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur proprio et nomine, wara li ppremetta li l-konvenut kera b'self-drive minn għand l-attur il-karrozza tad-ditta "Consul" li ġġib in-numru 18877, u rritorna l-istess karrozza bil-ħsara; u illi, bħala konsegwenza ta' din il-ħsara, l-attur sofra danni li jikkonsistu fl-ispejjeż għar-riparazzjoni u fit-telf ta' qliegħ sakemm issewwiet il-karozza; u illi l-attur talab lill-konvenut biex iħallas dawn id-danni, iżda dan naqas; talab li din il-Qorti (1) tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għad-danni kaġunati lill-attur bħala konsegwenza tal-ħsara kaġunata fil-karrozza nru. 18877 waqt li kienet lilu mikrija; (2) tillikwida, okkorrendo per mezz ta' periti, dawn id-danni, li jikkonsistu f' "damnum emergens" u "lucrum cessans"; (3) tikkundanna lill-konvenut iħallas dawn id-danni hekk likwidati. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta (1) illi l-assoċjazzjoni "Nelson Garage" tappartjeni lill-attur u lil persuna oħra. Ma jirriżultax li l-assoċjazzjoni "Nelson Garage" ġiet kostitwita f'soċjetà regolari bil-formalitajiet tal-liġi, u per konsegwenza ma għandhiex entità separata u distinta mill-persuna tal-assoċjati, u għalhekk ma jistgħax jidher għaliha. Lanqas jista' jirrappreżenta lil persuna l-oħra, għaliex ħadd ma jista' jaġixxi in ġudizzju bħala mandatarju ta' persuni preżenti f'dawn il-Gżejjer. Għalhekk l-azzjoni kien imissha

ġiet esperita għan-nom taż-żewġ assoċjati. Lanqas jista' jingħad li l-attur jista' jaġixxi għan-nofs, għaliex ma jistgħax jingħad għalissa jekk, wara li jsiru l-konteġġi bejn iż-żewġ assoċjati tad-diversi kontijiet tal-azjenda, l-attur joħroġx jew le kreditur tan-nofs. Lanqas għalhekk ma hemm il-leġittimazzjoni attiva tal-azzjoni, u għalhekk hemm lok għall-liberazzjoni "ab observantia"; (2) subordinatament, u bla preġudizzju tal-ewwel eċċezzjoni, il-karrozza msemmija fiċ-ċitazzjoni qegħedha għand l-attur taħt is-sistema tal-"hire purchase" u ma ssirx tiegħu ħlief meta jħallas l-ammont intier tal-prezz; għalhekk l-attur mhuwiex il-persuna ntitolata għad-danni, imma s-sid li rriżerva d-dominju tal-karrozza; (3) fil-meritu, il-karrozza ġiet danneġġjata b'imprudenza u sewqan anti-regolamentari ta' driver ieħor, u fi kwanlunkwe każ is-somma tal-ħsara msemmija fid-dikjarazzjoni tal-attur hi eżaġerata, u hi anqas mill-ammont ta' kompetenza tal-Qrati Superjuri;

Rat il-verbal tas-27 ta' Frar 1958, fejn il-konvenut insista illi l-ewwel eċċezzjoni, kif ukoll l-inċident dwar in-nullità tar-ratifika, jiġu deċiżi separatament;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, jiġifieri illi l-attur waħdu mhux persuna leġittima biex jirrappreżenta lin-"Nelson Garage" f'din il-kawża;

Illi l-konvenut issottometta li l-assoċjazzjoni taħt l-isem "Nelson Garage" ma ġietx kostitwita f'soċjetà regolari bil-formalitajiet tal-liġi, u għalhekk hija ma għandhiex entità separata u distinta mill-persuna tal-assoċjati. Din is-sottomissjoni mhix sostenibbli, quddiem id-dokument eżibit mill-attur a fol. 10, mnejn jidher illi bl-atti tan-Nutar Victor Bisazza ġiet fiż-17 ta' Diċembru 1948 kostitwita bejn l-attur u Salvatore Attard soċjetà kummerċjali f'isem kollettiv taħt l-isem "Nelson Garage", taħt il-kondizzjoni, fost oħrajn, illi l-amministraturi u diretturi tas-soċjetà jkunu ż-żewġ soċi, u illi kull wieħed minnhom ikun jista' jobliga t-terzi mas-soċjetà u s-soċjetà mat-terzi; liema patt, flimkien ma' oħrajn, ġie debitament pubblikat, u xejn

ma *ngieb mill-konvenut kontra r-regolarità ta' din il-publikazzjoni;*

Illi konsegwentement si tratta ta' soċjetà regolari, li bħala tali għandha eżistenza u ndividwalità ġuridika u patrimonju distinti minn dawk tas-soċi li jikkomponuha, opponibbli anki lit-terzi, bħal ma hu l-konvenut;

Illi xejn ma jiswa li l-attur huwa "wieħed biss" mill-amministraturi u diretturi tas-soċjetà; għaliex skond il-patt fuq miġjub *"kull wieħed minnhom" għandu l-poter li jobliga* t-terzi mas-soċjetà u viċeversa. B'dak il-patt, issoċi taw lil xulxin mandat reċiproku u ndipendenti, b'mod li kull wieħed minnhom għandu r-rappreżentanza sħieħa tas-soċjetà. Dan huwa wkoll konformi għar-regoli tal-mandat in ġenerali (art. 1979(2) Kod. Ċiv.);

Illi, ladarba l-attur ġie kostitwit amministratur u direttur tas-soċjetà, fil-libsa tiegħu ta' mandatarju huwa għandu wkoll il-poter illi għall-eżekuzzjoni tal-mandat jaġixxi ġudizzjarjament u jagħmel dawk l-atti kollha kontemplati fl-art. 1967(1) Kod. Ċiv.;

Illi ma tiswiex l-obbjezzjoni tal-konvenut illi b'daqshekk l-attur ikun qiegħed, għal kwota mill-kreditu in kwistjoni, jidher għas-soċju l-ieħor fil-waqt li dan jinsab preżenti f'dawn il-Gżejjer; u dan għaliex l-attur qiegħed jidher għas-soċjetà, li tikkostitwixxi entità ġuridika separata u ndipendenti mill-persuna tas-soċi;

Illi lanqas jiswa, kif issottometta l-konvenut, li r-ratifika eżibita a fol. 13 ma għandhiex valur legali almenu quddiemu, minħabba n-nuqqas tal-publikazzjoni tagħha kif trid il-liġi; difatti, apparti jekk dik ir-ratifika tikkostitwix tibdil għal-finijiet tal-art. 140 Kod. Kumm., jibqa' dejjem li dik ir-ratifika ma kienetx meħtieġa, ladarba l-attur ġa kellu l-jedd li jidher għas-soċjetà bis-saħħa tal-att kostituttiv;

*Illi, però, minn dan li ntqal* tinżel ukoll il-konsegwenza li, ladarba l-karrozza in kwistjoni tappartjeni lin-"Nelson

Garage" (ara verbal fol. 11), l-attur ma jistgħax jaġixxi, kif qed jagħmel, anki f'ismu proprju;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens fuq imsemmi;

U tiddikjara li l-attur huwa persuna leġittima biex jirrappreżenta u jaġixxi biss f'isem in-"Nelson Garage";

Tordna illi l-ispejjeż jitħallsu bin-nofs; u tiddifferixxi l-kawża għall-udjenza tat-23 ta' Mejju 1958, biex titkompla skond il-liġi.